MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1489/2004

**Ralph Farrugia**

**vs**

**Thomas Spagnol**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm457) rappresentanti danni ikkagunati f'incident stradali tat-30 ta' Marzu 2004, fil-Coast Road, limiti ta' San Pawl il-Bahar, bejn vettura bin-numru ACY 863 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura numru EAE 994 misjuqa minn u proprjeta ta'l-attur, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 18 ta' Gunju 2004 u ta'l-ittra ufficjlaiipprezentata kontestwalment ma'l-

avviz u bl-imghaxijiet legali pagabbli mit-18 ta’ Gunju 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u hamsin lira Maltin (Lm457), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta’ Gunju 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------